MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tal-24 ta' Settembru, 2018

Rikors Maħluf Numru 161/2016 LM

**Massimo Bonello (ID 522073M)**

***vs.***

**Glenn Spiteri (ID 48688M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Maħluf ippreżentat fl-1 ta' Marzu, 2016, mill-attur **Massimo Bonello** (ID 522073M) (minn issa 'l quddiem "l-attur"), u maħluf minnu stess, li jgħid kif ġej:

1. *Illi l-partijiet kienu involuti f'inċident awtomobilistiku nhar it-22 ta' Ġunju, 2013, fi Triq Birżebbugia, Tarxien, għall-ħabta tas-sebgħa ta' fil-għaxija (19:00) f'liema inċident l-attur Bonello kien qiegħed isuq il-vettura tiegħu, mutur Kawasaki ZX10, numru ta' reġistrazzjoni FAD 434;*
2. *Illi l-inċident de quo seħħ unikament per konsegwenza ta' sewqan negliġenti, perikoluż, imperizja u nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti tat-traffiku imputabbli*

*solament lill-intimat, kif del resto ser jirriżulta pjenament waqt is-smigħ u t-trattazzjoni ta' din il-kawża, u dana meta l-intimat kien qiegħed isuq il-vettura tat-tip Volkswagen Passat, numru ta' reġistrazzjoni LB5IMUU meta bi ksur flagranti tar-regolamenti tat-traffiku, naqas milli josserva stop sign, liema non osservanza tar-regolamenti wasslet għall-kolliżjoni de quo, a detriment tal-attur Bonello;*

3. *Illi per konsegwenza diretta tal-impatt, l-esponent sofra danni konsiderevoli konsistenti f'diżabilità permanenti f'persuntu, kif ser jiġi ppruvat ulterjorment;*
4. *Illi għad li l-konvenut ġie interpellat diversi drabi sabiex jersaq għal-likwidazzjoni u ħlas tad-danni msemmija, inkluż permezz tal-ittra uffiċjali numru 988/2014, kopja annessa u mmarkata Dok. A, l-istess intimat ripetutament naqas milli jagħmel dan u għalhekk kellha ssir din il-kawża;*
5. *Illi l-esponent jaf b'dawn il-fatti personalment.*

*Għaldaqstant l-esponent jitlob reverentement illi din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:*

i. *Tiddikjara illi l-inċident ta' nhar it-22 ta' Ġunju, 2013, fi Triq Birżebbugia, Tarxien għall-ħabta tas-sebgħa ta' fil-għaxija (19:00) seħħ unikament minħabba sewqan negliġenti, perikoluż, imperizja, u nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-intimat Glenn Spiteri;*

ii. *Tiddikjara illi r-rikorrent Massimo Bonello sofra danni konsistenti f'damnum emergens u lucrum cessans kif ser jiġi ppruvat waqt is-smigħ u t-trattazzjoni tal-kawża;*

iii. *Tillikwida d-danni hekk sofferti mill-attur, occorrendo bin-nomina ta' esperti nominandi;*

iv. *Tordna u tikkundanna lill-intimat iħallas is-somma hekk likwidata.*

*Bl-ispejjeż, inkluż dawk tal-ittra uffiċjali numru 988/2014 u bl-imgħaxijiet legali mid-data tal-inċident sad-data tal-ħlas effettiv, bil-konvenut minn issa inġunt in subizzjoni.*

Rat ir-Risposta Maħlufa tal-konvenut **Glenn Spiteri** (minn issa 'l quddiem "il-konvenut"), li ġiet ippreżentata fid-29 ta' Marzu, 2016, u maħlufa minnu stess, li biha eċċepixxa:

1. *Illi r-responsabbilità għall-inċident stradali li seħħ fit-tnejn u għoxrin (22) ta'*

*Ġunju tas-sena elfejn u tlettax (2013) hija respinta u kontestata;*

2. *Illi l-inċident ma seħħx bi ħtija ta' Glenn Spiteri;*
3. *Illi għalhekk it-talbiet attriċi għandhom jiġu respinti bl-ispejjeż;*
4. *Salvi eċċezzjonijiet oħra permessi mil-liġi.*

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti.

Semgħet ix-xhieda prodotti mill-partijiet.

Rat il-verbal tal-udjenza tal-14 ta' Mejju, 2018, fejn il-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza.

**Il-kwistjoni bejn il-partijiet**

Permezz ta' din il-kawża, l-attur qiegħed ifittex lill-konvenut għad-danni wara inċident stradali bejn il-mutur li kien qiegħed isuq l-attur u l-vettura li kien qiegħed isuq il-konvenut. Kawża tal-inċident, l-attur isostni li huwa sofra ġrieħi li kkawżawlu debilità permanenti. Filwaqt li l-attur jgħid li l-inċident inkwistjoni seħħ unikament responsabbiltà tal-konvenut, dan tal-aħħar jgħid li l-inċident ma seħħx bi ħtija tiegħu.

**Provi u riżultanzi**

L-attur **Martin Bonello**[1] xehed permezz ta' *affidavit,* fejn qal li dakinhar tal-inċident, it-22 ta' Ġunju, 2013, huwa kien sejjer minn Ħal Tarxien lejn Ħal Safi

[1] *A fol.* 14 tal-proċess.

bil-mutur tiegħu Kawasaki ZX100, u jgħid li kien għaddej minn Triq Birżebbugia ġewwa Ħal Tarxien, li hi triq pjuttost imħarbta, u għalhekk kien għaddej b'veloċità baxxa. Fit-triq quddiemu ma kienx hemm vetturi oħrajn. Spjega kif waqt li kien ħiereġ lejn it-Triq tal-Barrani, min-naħa tax-xellug ħarġet vettura tat-tip Volkswagen Passat minn fuq *stop sign* li hemm fl-art. L-attur qal ukoll li fil-parti tat-triq minn fejn ħarġet il-vettura misjuqa mill-konvenut hemm mera sabiex tiffaċilita l-ħruġ għas-sewwieqa. L-attur spjega kif it-triq minn fejn ħareġ il-konvenut hi waħda pjuttost dejqa, madanakollu hu xorta waħda baqa' ħiereġ mingħajr ma naqqas il-veloċità, bir-riżultat li seħħ l-inċident odjern. L-attur jgħid li kien propjru minħabba dawn il-manuvri żbaljati li l-konvenut baqa' dieħel fih min-naħa tax-xellug, u mad-daqqa l-mutur misjuq mill-attur tkaxkar għal tul ta' madwar ħames metri, bil-konsegwenza li l-attur spiċċa taħt il-bankina n-naħa l-oħra tat-triq.

L-attur spjega kif fil-ħin ta' wara l-inċident hu kien muġugħ ħafna, tant li beża' li kien ser jitlef riġlejh, u li fi ftit ħin waslet l-ambulanza fuq il-post tal-inċident, li ħaditu l-isptar fejn sarulu numru ta' testijiet u nbeda t-trattament li kellu bżonn. L-attur xehed li hekk kif iltaqa' mal-konsulent ortopediku li kien qiegħed jikkurah, hu ġie mgħarraf li t-triq għall-fejqan kienet twila, u li kien ser ikollu bżonn sessjonijiet ta' fiżjoterapija darbtejn fil-ġimgħa, kif ukoll operazzjoni sabiex tiġi rikostruwita l-irkoppa mill-ġdid. Fil-fatt l-operazzjoni inkwistjoni saritlu fl-20 ta' Ġunju, 2014, u li hu b'kollox għamel madwar sentejn u nofs f'siġġu tar-roti, jiddependi minn ħaddieħor. Minkejja dan l-intervent, hu xorta waħda għadu ma rkuprax l-użu sħiħ tal-irkoppa, u li din iċċedi spiss waqt li jkun miexi, tant li lanqas ċertu eżerċizzju ma jista' jagħmel. Hu qal li minħabba f'dawn il-limitazzjonijiet li hu sofra, huwa mar għand

konsulent mediku li kkonkluda li hu kellu ħsara estensiva fl-irkoppa, u li kien sofra minn debilità permanenti ta' 14%.

Fl-udjenza tat-13 ta' Mejju, 2016, il-Qorti semgħet ix-xhieda tal-**PS 285 Geoffrey Cutajar**[2], li kien ħejja r-rapport tal-Pulizija dwar l-inċident inkwistjoni.[3] Ix-xhud qal li l-Pulizija ħadu passi fil-konfront taż-żewġ partijiet f'din il-kawża minħabba li rriżultalhom illi l-attur kien qiegħed isuq mingħajr liċenzja tas-sewqan, filwaqt illi l-konvenut kien qabad u ħareġ minn fuq *stop sign*.

Fl-istess udjenza xehed l-attur **Massimo Bonello**[4], li qal li l-flus tal-*insured value* tal-mutur hu diġà ħadhom mingħand l-assigurazzjoni tal-konvenut, u li hu ma kien tħallas għal xejn aktar.

FL-udjenza tat-28 ta' Ġunju, 2016, xehdet **Tiziana Bonello**[5], oħt l-attur, li qalet li minn wara l-inċident, ħuha baqa' jbati bi problemi f'irkopptejh, u li anki wara li ġie operat, għamel żmien f'siġġu tar-roti u kien jiddependi fuq il-familjari tiegħu. Ix-xhud qalet li bħala familja kellhom anki jirranġaw diversi affarijiet fid-dar biex ħuha jkun jista' jgħaddi bil-*wheelchair*, u li l-problemi li għandu jimmanifestaw ruħhom f'uġigħ u fil-fatt ħuha, l-attur, ma jistax jimxi fit-tul. Ix-xhud iddeskriviet id-diffikultajiet li għaddew minnhom bħala familja konsegwenza tal-inċident:

> "Kien ikollu ħafna appuntamenti għall-*physiotherapy*, appuntamenti l-isptar u kien jiġi għalina l-vann tad-diżabilità u konna mmorru miegħu biex anke hemmhekk fl-appuntamenti konna nistgħu mmexxuh bil-*wheelchair*. Kelli l-

---

[2] *A fol*. 20 tal-proċess.
[3] *A fol*. 20 tal-proċess.
[4] *A fol*. 22 tal-proċess.
[5] *A fol*. 33 tal-proċess.

> prokura f'ċerti affarijiet li ma setax imur hu, kont immurlu jiena għax il-*mummy* ma ssuqx u kont immur jiena. U għamilna dak is-Sajf li weġġa', speċjalment, Sajf sħiħ għand il-*mummy*."

L-attur esebixxa wkoll kopja tar-rapport mediku redatt mill-konsulent mediku kuranti tiegħu, **Mr Ivan Esposito**[6], liema rapport jistabbilixxi li sal-ġurnata li fiha l-attur ġie eżaminat minn Mr Esposito fil-15 ta' Ġunju, 2015, hu kien għadu jsofri minn diffikultajiet biex jimxi u biex jitla' t-taraġ, kien għadu jagħmel użu minn siġġu tar-roti, u kellu problemi rikorrenti oħra, bħal nefħa persistenti, uġigħ, u regolarment kien għadu jieħu trattament għall-uġigħ. Mr Esposito kkonstata wkoll li fiż-żmien tal-inċident, l-attur kien qiegħed jirċievi l-benefiċċju tal-qgħad. Fil-parti konklussiva tar-rapport tiegħu, Mr Esposito kkonkluda li l-attur kien sofra minn trawma sostnuta fl-irkoppa tal-lemin meta kien involut fl-inċident tat-traffiku inkwistjoni :-

> *"This required reconstruction of the major soft tissue structures of the knee and was initially successful in stabilising the knee. Unfortunately he sustained a fresh injury to the knee and reconstructed structures. This has led to an unstable knee with difficulty in revising the reconstructions. ... This knee will be prone to early degenerative changes with secondary osteoarthritis. His poor mobility may cause problems, due to altered biomechanics, in his hips and spine. Due to the heavy nature of his work, he is finding it difficult to return to his normal type of work. I therefore find that this client has a permanent disability of fifteen percent (15%)."*

Il-konvenut **Glenn Spiteri** wkoll għażel li jixhed bil-mezz tal-*affidavit*[7], fejn qal li l-vettura misjuqa minnu, bin-numru ta' reġistrazzjoni barrani LB51 MUU, tal-għamla Volkswagen Passat, kienet għadha mhix irreġistrata ma' Transport Malta, iżda kienet assigurata ma' Untours Insurance Agents Limited. Hu qal li waqt li kien qiegħed isuq fi Triq il-Kbira, Tarxien, waqaf fuq *stop sign* biex jara

[6] *A fol*. 41 tal-proċess.
[7] *A fol*. 58 tal-proċess.

kinux ġejjin vetturi, u li dak il-ħin ra l-mutur tal-attur ġej minn Triq Birżebbugia, Ħal Tarxien. Il-konvenut qal li f'dak il-ħin, is-sewwieq tal-mutur inħasad u skiddja, u sussegwentement spiċċa fuq ir-rim tal-vettura misjuqa minnu. Hu qal li ma kien hemm l-ebda mument li fih il-vettura tiegħu laqtet il-mutur misjuq mill-attur.

Fl-udjenza tat-22 ta' Marzu, 2017, il-Qorti ħatret lill-ispeċjalista ortopediku **Mr Ray Gatt** bħala espert mediku sabiex jirrelata dwar il-konsegwenzi tal-inċident inkwistjoni fuq l-istat ta' saħħa tal-attur, u jekk konsegwenza tal-istess inċident l-attur ġarrabx xi debilità permanenti u f'liema grad.  Fr-rapport mħejji minn Mr Ray Gatt[8], dan ikkonstata d-dinamika tal-inċident skont kif spjegat lilu mill-attur, kif ukoll li fiż-żmien tal-inċident l-attur kien qiegħed jirreġistra għax-xogħol, u li sa dakinhar li sarlu l-eżami mediku, l-attur kien għadu mingħajr impjieg u kien qiegħed jirċievi pensjoni tad-diżabilità. Il-konklużjoni tal-espert mediku maħtur mill-Qorti f'din il-kawża, kienet li l-attur sofra debilità permanenti ta' tnejn u għoxrin fil-mija (22%).

**<u>Konsiderazzjonijiet legali</u>**

Huma tnejn prinċipalment il-kwistjonijiet f'din il-kawża li jridu jiġu determinati mill-Qorti, dik dwar ir-responsabbilità għall-inċident mertu tal-kawża, u l-kwistjoni tal-likwidazzjoni tad-danni sofferti mill-attur jekk jinstab li l-konvenut kien responsabbli għall-inċident.

Fl-ewwel lok il-Qorti kkunsidrat id-dinamika tal-inċident, li l-attur isostni li seħħ meta l-konvenut kien ħiereġ minn triq pjuttost dejqa, injora l-i*stop sign* li

[8] *A fol.* 77 tal-proċess.

kienet tindika li kellu jieqaf, u baqa' ħiereġ fit-triq prinċipali, minn fejn kien għaddej l-attur, li minn dak li rriżulta anki mix-xhieda li nstemgħu f'dawn il-proċeduri, kien qiegħed isuq il-mutur inkwistjoni mingħajr ma kellu liċenzja biex jagħmel dan. Dan wassal biex ittieħdu passi kriminali fil-konfront taż-żewġ partijiet, fil-konfront tal-attur minħabba li rriżulta li kien sprovvist mil-liċenzja tas-sewqan, u fil-konfront tal-konvenut minħabba li dan allegatament ma segwiex ir-regolamenti tat-triq meta baqa' ħiereġ minn fuq *stop sign*. Naturalment din il-Qorti trid tagħmel evalwazzjoni tal-provi prodotti indipendentement mill-evalwazzjoni li kellha tagħmel il-Qorti tal-Maġistrati (Sede Kriminali), u dan peress li filwaqt li din il-Qorti trid tkun konvinta li fuq bilanċ tal-probabbilitajiet xi wieħed jew ieħor mill-partijiet għandu jġorr xi forma ta' responsabbilità għall-akkadut, il-Qorti Kriminali trid tagħmel evalwazzjoni li twassal għal konvinċiment li ma jħalli ebda dubju dettat mir-raġuni li hemm grad ta' ħtija ta' xi wieħed jew ieħor mill-partijiet għall-inċident inkwistjoni.

Jirriżulta mill-provi li l-attur kien qiegħed isuq il-mutur b'veloċità li ma kinitx qawwija, u dan minħabba li kif xehed hu stess, it-triq li kien għaddej minnha ma tantx għandha wiċċ tajjeb. Il-konvenut kien ħiereġ minn triq li hi pjuttost dejqa, li fit-tarf tagħha hemm indikazzjoni ċara li wieħed għandu jieqaf. Il-konvenut u l-PS 285 Geoffrey Cutajar, it-tnejn li huma qalu li ma kienx hemm impatt bejn il-vettura misjuqa mill-konvenut u l-mutur tal-attur, u li l-attur weġġa' meta waqa' minn fuq il-mutur meta ħa *brake* f'salt kif ra l-vettura tal-konvenut ħierġa fit-triq, bir-riżultat li waqa' fl-art. L-attur min-naħa tiegħu xehed li kien hemm impatt bejn il-vettura misjuqa mill-konvenut u l-mutur misjuq minnu, tant li kien meta l-mutur intlaqat mill-vettura tal-konvenut li dan spiċċa għeleb fl-art u kaxkru miegħu għal ċerta distanza.

Il-Qorti qieset ukoll li r-rapport tal-Pulizija hu sprovvist minn *sketch* li jindika eżattament fejn kienu l-vettura u l-mutur fil-ħin ta' wara l-inċident, u dan minħabba li għal xi raġuni dawn ġew imċaqalqa minn fuq il-post. Madanakollu tqis li x-xhieda tal-attur, li kien hemm impatt bejn il-vettura u l-mutur hija kredibbli, in vista tal-gravità tal-ġrieħi sostnuti mill-attur, u in vista tal-fatt li l-mutur ukoll ġarrab ħsarat sostanzjali tant li s-soċjetà tal-assigurazzjoni li kien irreġistrat magħha l-konvenut ħallset lill-attur għall-ħsarat sofferti minnu.

Il-Qorti kkunsidrat ukoll li minn dak li rriżulta mill-provi mressqa, il-konvenut baqa' għaddej minn fuq *stop sign* filwaqt li kien ħiereġ minn triq dejqa, li jfisser li dan ma żammx il-*proper lookout* li sewwieq fit-triq għandu jżomm. It-terminu *proper lookout* ingħata diversi tifsiriet matul is-snin. Fid-deċiżjoni fl-ismijiet **Il-Pulizija *vs.* Joseph Vella**[9]*,* il-Qorti stabbiliet illi:

> "Hu dover ta' 'driver to see what is in plain view'", u li "min ma jarax dak li raġonevolment għandu jara, ifisser li ma kienx qed iżomm a proper lookout (**Il-Pulizija *vs.* J.M. Laferla. – 17.06.1961**)."

Deċiżjoni li spiss tiġi ċċitata mill-Qrati nostrani dwar il-kunċett tal-*proper lookout* hija dik mogħtija fl-ismijiet **Newhaus *vs.* Bastion Insurance Company Limited**[10]fejn il-Qorti stabbiliet illi:

> *"Keeping a proper lookout means more than looking straight ahead. It includes awareness of what is happening in one's immediate vicinity. A motorist shall have a view of the whole road, from side to side, and in the case of a road passing through a built-up area, of the pavements on the side of the road as well."*

[9] App. Krim. 10.08.1963.
[10] 1968(1) SA 398 (A) f'405H-406A.

F'deċiżjoni oħra fl-ismijiet **Il-Pulizija *vs.* Anthony Spiteri**[11], il-Qorti stabbiliet illi:

> "... għal sewqan negliġenti ma hemmx bżonn tal-vjolazzjoni ta' normi ġuridiċi speċifiċi, imma biżżejjed li jkun hemm negliġenza, fis-sens ta' nuqqas ta' prudenza ordinarja li wieħed għandu jadopera biex jevita s-sinistri stradali."

Minn dak li semgħet il-Qorti, jirriżulta ċar illi l-konvenut naqas milli juża l-prudenza meħtieġa biex jevita l-inċident inkwistjoni, speċjalment meta qabad u ħareġ minn triq sekondarja mingħajr ma waqaf sabiex ikun jaf min kien għaddej mit-triq prinċipali u jevita l-ħabta, u għalhekk il-Qorti tqis illi l-konvenut għandu jinżamm responsabbli għall-akkadut.

Jirriżulta wkoll li minkejja t-talba tiegħu għal-likwidazzjoni ta' danni materjali sofferti minnu, l-attur ma ppreżenta l-ebda rċevuti jew xi tip ta' prova li hu inkorra f'xi tip ta' spejjeż konsegwenza ta' dan l-inċident. L-attur ma ppreżenta l-ebda irċevuta maħruġa minn xi konsulent mediku, l-ebda irċevuta li tindika li kien hemm ix-xiri ta' mediċini, l-ebda irċevuta għal sessjonijiet tal-fiżjoterapija li ħa, u għalhekk il-Qorti mhix f'qagħda li tista' tillikwida d-danni għat-telf effettiv soffert mill-attur stante li ma nġiebet l-ebda prova ta' dan.

L-artikolu 1045 (1) tal-Kodiċi Ċivili jirregola l-parametri li fuqhom tista' tinfetaħ azzjoni ta' din ix-xorta:

> "Il-ħsara li persuna responsabbli għandha twieġeb għaliha, skont id-dispożizzjonijiet ta' qabel, hija t-telf effettiv li l-għamil tagħha jkun ġab direttament lill-parti li tbati l-ħsara, l-ispejjeż li din il-parti setgħet kellha tagħmel minħabba l-ħsara, it-telf tal-paga jew qligħ ieħor attwali, u t-telf ta'

[11] App. Krim. 21.05.1960.

qligħ li tbati 'l quddiem minħabba inkapaċità għal dejjem, total jew parzjali, li dak l-għamil seta' jġib."

F'sentenza fl-ismijiet **Emmeline Cini *vs.* Antione Cachia**[12], il-Qorti qalet hekk:

> "Għalhekk il-Qorti għandha l-obbligu li teżamina t-telf ta' qligħ futur minħabba l-inkapaċità, it-telf ta' paga jew qligħ ieħor attwali li jinkorri fih id-danneġġjat; u dak it-telf ta' qligħ futur, ossia *lucrum cessans*, li d-danneġġjat ikun prekluż li jużufruwixxi minnu minħabba l-event sinistru kawża tal-għemil dirett tad-danneġġjant."

Fis-sistema legali tagħna, il-kwantifikazzjoni tad-danni hija dejjem fid-diskrezzjoni tal-ġudikant, u għalkemm hi regolata minn ċerti prinċipji, dawn mhumiex assoluti. F'deċiżjoni mogħtija fl-ismijiet **Paul Debono *vs.* Malta Drydocks**[13], ġie stabbilit illi:

> "Id-determinazzjoni tal-kwantum tar-riżarċiment hi ċertament fis-sistema legali tagħna spirata mir-regola stabbilita fl-artikolu 1045 tal-Kodiċi Ċivili. Fir-rigward tal-*lucrum cessans* dan jinvolvi telf ta' qliegħ futur minħabba l-inkapaċità. Il-liġi imbagħad tħalli fid-diskrezzjoni tal-Qorti biex, valjati ċ-ċirkostanzi tal-każ, ix-xorta u grad ta' inkapaċità, u l-kondizzjoni tal-parti danneġġjata tistabbilixxi s-somma riżarċitorja. Innegabilment, però, il-metodu ta' din il-valutazzjoni tad-dannu lill-persuna minn dejjem ikkostitwiet il-problema l-aktar spinuża, kif hekk jirriżulta minn sempliċi raffront tad-diversi deċiżjonijiet in materja."

Hawnhekk il-Qorti tqis li għandha tagħmel riferiment ampju għas-sentenzi kopjużi ta' dawn il-Qrati sabiex kemm jista' jkun tasal għal ammont likwidat li jkun jirrispekkja l-kriterji li ġew stabbiliti f'sentenzi simili li diġà ngħataw mill-Qrati tagħna, anki għaliex huwa desiderabbli li jkun hemm grad ta' uniformità f'dawn it-tip ta' sentenzi.

---

12 P.A., 18.02.2013.
13 P.A. 27.04.2005.

Il-*multiplier* huwa fattur pjuttost diskrezzjonali, għalkemm bħala regola huwa ġeneralment aċċettat li għal persuna fl-età ta' erbgħin (40) sena, bħalma kellu l-attur dakinhar li seħħ l-inċident, il-*multiplier* adottat ikun ta' 20. Fis-sentenza fl-ismijiet **John u Laura konjugi Ransley *vs.* Edward u Lydia konjugi Restall**[14], il-Qorti qalet hekk:

> "Hawnhekk għandna fattur pjuttost diskrezzjonali. Il-metodu ta' likwidazzjoni tad-danni kien għal żmien twil ibbażat fuq il-prinċipji enunċjati fil-kawża **Butler *vs.* Heard** deċiża mill-Qorti tal-Appell Ċivili Superjuri fit-22 ta' Settembru, 1967. F'dik il-kawża intqal li fid-determinazzjoni tal-multiplier wieħed irid jieħu in kunsiderazzjoni ċ-'chances and changes of life', b'mod li dan il-*multiplier* ma jwassalx lid-danneġġjat li jieħu kumpens daqs li kieku baqa' jaħdem sad-data li jirtira, iżda l-figura tiġi mnaqqsa biex b'hekk ikun ittieħed kunsiderazzjoni l-fatt li l-persuna danneġġjata setgħet, fil-kors normali tal-ħajja tagħha, ma waslitx qawwija u sħiħa sal-età tal-pensjoni.
>
> ...
> Hawn għalhekk naraw element diskrezzjonali li qed jingħata lill-ġudikant. Il-liġi ma tridx li l-kumpens ikun biss riżultat ta' eżerċizzju matematiku – għalkemm tali eżerċizzju jkun wieħed siewi u jwassal għal ċerta uniformità fil-likwidazzjoni tad-danni kif effettivament ġara wara s-sentenza ta' **Butler *vs.* Heard,** b'danakollu l-ġudikant għandu jżomm quddiem għajnejh aspett aktar wiesa' tal-problema u fl-ammont li finalment jakkorda bħala danni għat-telf futur – dawk li fil-gergo huma magħrufa bħala 'lucrum cessans' jipprova jimprimi sens ta' ġustizzja billi mhux biss iħares lejn l-interessi tad-danneġġjat iżda billi wkoll jittieħed in konsiderazzjoni dak li kkawża d-dannu."

Il-Qorti tqis li *multiplier* ta' 20 huwa wieħed ġust meta wieħed iqis il-*working life expectancy* tal-attur, u tenut kont ukoll il-fatt li persuna fl-età tal-attur hi mistennija li taħdem almenu sal-età ta' 65 sena sabiex tilħaq l-età tal-irtirar.

---

[14] P.A., 10.05.2005.

Il-Qorti kkunsidrat li fiż-żmien li fih seħħ l-inċident inkwistjoni l-attur ma kienx impjegat bi qligħ u kien qiegħed jirċievi l-benefiċċju tal-qgħad. Madanakollu mill-provi esebiti jirriżulta li l-attur għamel perijodi sostanzjali f'ħajtu li fihom kien impjegat f'impjiegi li almenu kienu jiggarantulu dħul ekwivalenti għall-paga minima. Il-Qorti ser tieħu l-paga minima fis-sena 2013, is-sena li seħħ fiha l-inċident, bħala l-paga bażika li ser jinħadem il-*lucrum cessans* fuqha. Fis-sena 2013, il-paga minima kienet ta' €162.19 fil-ġimgħa, jew ta' €8,433.88 fis-sena.[15] Hu dan l-ammont ta' salarju bażiku li l-Qorti ser tieħu għall-fini tal-komputazzjoni li trid tagħmel. Din il-paga trid tiġi aġġustata u togħla abbażi tal-għoli tal-ħajja għall-perijodu kollu tal-*multiplier.*[16] Fuq medda ta' 20 sena l-paga minima hija mistennija li tiżdied għal €10,053.18. Li kieku wieħed kellu jieħu l-medja ta' dan, €8,433.88 + €10,053.10 / 2, is-salarju medju tal-attur matul il-perijodu tal-*multiplier* huwa mistenni li jkun fl-ammont ta' €9,243.53. Fil-każ odjern, ġie stabbilit mill-espert mediku maħtur mill-Qorti, li l-grad ta' diżabilità permanenti sofferta mill-attur hi ta' tnejn u għoxrin fil-mija (22%), u l-Qorti ma tara li hemm l-ebda raġuni valida li minħabba fiha għandha tiddipartixxi minn dan il-grad ta' diżabilità permanenti hekk stabbilit.

Il-Qrati tagħna adottaw ukoll il-prinċipju f'kawżi simili għal dik odjerna, fejn l-attur mistenni li jirċievi *lump sum payment* bħala kumpens għad-danni sofferti minnu, għandu jkun hemm tnaqqis ta' għoxrin fil-mija (20%) minħabba li l-ħlas ser isir f'darba. Kien hemm istanzi fejn il-Qorti kkunsidrat li għandu jkun hemm tnaqqis differenti minn dan minħabba fid-dilungar ta' xi parti jew oħra sabiex kawża ta' din ix-xorta tinqata', għalkemm fiċ-ċirkostanzi tal-każ odjern,

[15] Ara l-Ordni ta' Standard Nazzjonali dwar l-Inqas Paga Nazzjonali (L.S. 452.71).

[16] Bħala rata ta' inflazzjoni annwali qed tittieħed ir-rata ta' 0.96%, li hija r-rata medja tal-inflazzjoni f'dawn l-aħħar 5 snin skont l-NSO {1.38%(2013) + 0.31%(2014) + 1.10%(2015) + 0.64%(2016) + 1.37%(2017) ÷ 5= 0.96%}.

il-Qorti ma tarax li hemm lok għal tali tnaqqis. Il-kawża nfetħet fis-sena 2016, madwar tliet snin wara li seħħ l-inċident, u ser tinqata' ftit aktar minn sentejn wara li kien hemm l-ewwel udjenza. Ma jistax jintqal li kien hemm xi dilungar da parti ta' xi ħadd jew ieħor mill-partijiet.

Għalhekk id-danni li sofra l-attur bħala *lucrum cessans* b'konsegwenza tal-inċident mertu tal-kawża, qegħdin jiġu likwidati mill-Qorti b'dan il-mod - is-salarju medju ta' €9,243.45 x *multiplier* ta' 20, x 22% diżabilità permanenti sofferta = €40,671.18, li meta ridott b'20% għal-*lump sum payment* = €32,537.

**<u>Decide</u>**

**Għaldaqstant għar-raġunijiet hawn fuq mogħtija, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża kif ġej:**

**1. Tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenut;**

**2. Tilqa' t-talbiet attriċi u tiddikjara li l-inċident li seħħ fit-22 ta' Ġunju, 2013, fi Triq Birżebbugia, Tarxien għall-ħabta tas-sebgħa ta' filgħaxija (19:00) seħħ unikament minħabba sewqan negliġenti, perikoluż, imperizja, u nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut Glenn Spiteri;**

**3. Tillikwida d-danni li sofra l-attur Massimo Bonello bħala *lucrum cessans* fis-somma ta' tnejn u tletin elf, ħames mija u sebgħa u tletin Euro (€32,537);**

**4. Tikkundanna lill-konvenut Glenn Spiteri jħallas is-somma hekk likwidata lill-attur Massimo Bonello.**

**Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali mil-lum sad-data tal-ħlas effettiv a karigu tal-konvenut.**

Moqrija.